GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/33*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2011 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### 1. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 32. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi
Għal dawn il-minuti, s-Sindku s-Sur Andrew Vella, ressaq proposta biex tiddaħħal l-emenda kif imfisser hawn taħt :

i. f'paġina 2 f'paragrafu 5 it-titolu għandu jitneħħa l-kliem "mill-E.U." u minflok jitqiegħed il-kliem : "mill-Ministeru Għal Għawdex".
ii. fl-istess paragrafu, fl-aħħar sentenza, jitneħħa l-kliem "mill-E.U. permezz ta' l-applikazzjoni li tnediet" u minflok jitqiegħed il-kliem "mill-fond allokat għall-programm Eko-Għawdex".

Dawn l-emendi kif proposti kienu approvati mill-Kunsill.
Il-minuti kif emendati kienu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse
Dan l-appell issa wasal fl-istadju finali tiegħu peress illi l-avukat tal-appellant kien bagħat is-sottomissjonijiet tiegħu għall-appell li hu kien ressaq. Dawn is-sottomissjonijiet kienu ntbagħtu fis-27 ta' Diċembru 2010. Ir-risposta minn naħa tal-Kunsill imbagħad intbagħtet fil-25 ta' Jannar 2011 permezz ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr Jean Paul Grech.
Għalhekk il-ġbir tax-xhieda issa ngħalqet u l-bord maħtur issa għandu sa l-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2011 biex jieħu d-deċiżjoni finali.

**2. Laqgħa tal-Kumitat Reġjonali**
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar fis-2.00p.m. kienet inżammet laqgħa tal-Kumitat Reġjonali mal-Ministru Għal Għawdex fejn fost suġġetti oħra kien diskuss il-proġett dwar l-enerġija alternattiva.
Is-Sindku qal li hu kien irċieva rapport dettaljat u estensiv mid-ditta Awstrijaka, fejn ingħataw dettalji kif jista' Għawdex jibbenefika minn sorsi ta' enerġija alternattiva. Dan ir-rapport professjonali kien imfisser fil-laqgħa li nżammet mal-Ministru Għal Għawdex. F'din l-istess laqgħa kien preżenti wkoll id-Direttur inkarigat mill-programm Eko-Għawdex.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-preżent qed tittieħed inizjattiva billi diġa kienet skedata parti sostanzjali ta' art fuq in-naħa ta'fuq ta' Għawdex. Sadanittant, is-Sindku qal li kien se jitwaqqaf arblu biex jieħu l-qari tat-temp u l-irjieħat li jaħkmu fuq is-sit li kien skedat.
Sadanittant, l-Industrijalist Awstrijakk ippropona li jerġa jiġi Għawdex għall-aħħar ta' Frar biex jerġa jressaq is-suġġerimenti tiegħu għall-proġett li jixtieq jagħmel. Dan l-istess industrijalist hu lest li jressaq il-proposti tiegħu lill-Awtorita tar-Riżorsi u lill-Ministeru ta' l-Ambjent u Affarijiet Rurali li minnu hu nkarigat l-Onor. Ministru Gorġ Pullicino.
Dawn is-suġġerimenti u materji relatati qed ikunu wkoll studjati fil-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u l-ħidma fuq dan is-suġġett se titkompla.
Sadanittant il-Kumitat Reġjonali żamm laqgħa ta' nformazzjoni mas-Sur Aldo Formosa li hu nkarigat mill-Uffiċċju tal-Meusac f'Għawdex.

**3. Fondi Eko-Għawdex**
Il-Ministeru għal Għawdex kien nieda program ta' għoti ta' fondi lill-Kunsilli Lokali bħala parti mill-proġett Eko-Għawdex u li għalihom il-Kunsill kien ressaq applikazzjoni flimkien ma' Transport Malta fejn kien ippjanat li jsir restawr estensiv tal-Fanal ta' Ġordan.
Iżda din il-ġimgħa l-Kunsill kien informat li l-applikazzjoni ma kienitx se tintlaqa'.
Is-Sindku kien ippropona li minflok, il-fondi jistgħu jkunu utiliżżati biex jitwettaq proġett li kien ippjanat għal quddiem il-Kappella tal-Patroċinju fejn kien maħsub li l-wied isir tindif u jinbnew il-ħitan u fejn kien possibbli jitħawwlu siġar u xitel u jsir tiżjijn billi jitwaħħlu bankijiet u għamara oħra. Is-Sindku qal li iżda biex isir dan il-proġett kien neċessarju li jkollna l-permessi meħtieġa u għalhekk peress li ż-żmien ta' l-applikazzjoni kien qasir ħafna ma kienx possibbli li nippreżentaw dan il-proġett.
Suġġeriment ieħor li ressaq is-Sindku, kien li jiġi ċċangat bil-madum apposta u jitwaħħlu dwal li jaħdmu bl-enerġija alternattiva fl-isqaq ta' ħdejn il-Kappella ta' San Pupulju.
Għalhekk, għandha tinżamm laqgħa mad-Direttur inkarigat mill-programm Eko-Għawdex biex jiġi diskuss dan is-suġġeriment u jkun ċċarat eżatt fuq liema sqaq nistgħu napplikaw. Is-Sindku għandu jiltaqa' miegħu u tkun diskussa l-applikazzjoni biex nieħdu finanzjament ħalli nkunu nistgħu nwettqu proġett taħt l-iskema ta' Eko-Għawdex.
Is-Sindku kompla wera lill-Kunsill li kellna kollox ippreparat flimkien ma' Transport Malta biex il-proġett tal-Fanal ta' Ġordan seta' jitwettaq. T.M. kienu offrew kull għajnuna u anke kienu kkommettew ammont sostanzjali ta' flus biex huma jinvestu fil-proġett u b'hekk il-proġett mhux biss jinbeda imma jitkompla.
Is-Sur Emmanuel Mintoff issuġġerixxa jekk nistgħux naraw li jinbeda x-xogħol kif ippjanat iżda bl-għajnuna ta'fondi minn Transport Malta. Hu qal li fl-istess waqt nistgħu naraw jekk jagħtunhiex għajnuna wkoll dawk id-ditti li għandhom interessi ta' użu tal-propjeta tal-Fanal ta' Ġordan.
Il-Kunsill qabel li għalissa nkomplu naħdmu flimkien mal-Ministeru għal Għawdex ħalli ma jintilfux il-fondi allokati mill-programm Eko-Għawdex.

**IV. Korrispondenza**

i. Il-MEPA bagħtet kopja ta' nota ta' ksur ta' kontroll ta' l-ippjanar fuq sit fi Triq iż-Żebbuġ li kien jikkonsisti fi tfiegħ ta' materjal u ġebel mingħajr permess.

ii. L-Awtorita tad-Djar informat li kien hemm 31 Kunsill Lokali li applikaw fil-programm imniedi ta' riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern.
iii. L-AKL se torganiżża konferenza dwar il-politika nazzjonali dwar l-ilma. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011.
iv. Ittra mill-Arka Foundation biex il-Kunsilli Għawdxin jorganiżżaw attivita sportiva ħalli jinġabru fondi biex jingħataw lil Dar Arka.
v. L-Assoċjazzjoni BirdLife talbet li tinżamm laqgħa għall-pubbliku fil-Kunsill Lokali biex jintwera l-importanza tal-ħarsien ta' l-ambjent naturali.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Estimi Finanzjarji 2011**

Quddiem il-Kunsill tressaq il-*Budget* għas-sena finanzjarja 2011. Dawn l-estimi kienu jinkludu l-allokazzjoni li jingħata l-Kunsill kif ukoll kull dħul ieħor minn imgħaxijiet, permessi u għotjiet oħra.

L-istess estimi kienu juru fid-dettal l-infieq li l-Kunsill kien qed jippjana li jagħmel għal matul l-istess sena. Fost dan l-infieq ingħatat spjegazzjoni wkoll tal-infieq kapitali fejn l-aktar li jispikka hu l-infieq ta' €28,000 fuq programmi speċjali.

**2. '*Appraisal Report*' tas-Segretarju Eżekuttiv**

Quddiem il-Kunsill tressaq ir-rapport annwali fuq il-kariga tas-Segretarju Eżekuttiv. Skond ir-regolamenti, l-Kunsill għandu jiddiskuti u japprova dan ir-rapport biex imbagħad jintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun ikkonfermat.

**3. Laqgħa tal-Lokalita**

Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa tal-lokalita tinżamm nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2011 fis-6.00p.m. Din il-laqgħa għandha tiġi avżata permezz ta' fuljett li jitbagħat lil kull residenza.

**VI Materji Ohra**

**1. Tarmak fi Triq il-Fanal**

Is-Sur Frank Formosa rrefera lill-Kunsill għall-kundizzjoni li tinsab fih il-parti ta' Triq il-Fanal fejn joqgħod hu u ssuġġerixxa li għandna naraw biex din tinkesa bit-tarmak. Hu qal li jitlob li din it-talba għandha tkun iminiżżla fil-minuti tal-laqgħa.

Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill dejjem mexa fuq il-prijoritajiet u qatt ma mexa b'xi preferenza. Fl-istess waqt kull proġett li sar dejjem rajna li ma nagħmlux aktar milli nkunu nistgħu nagħmlu u dan sa fejn ikunu jwasslu l-finanzi.

Għalhekk is-Sindku ordna li tintbagħat ittra lill-kuntrattur u lill-Perit inkarigat mill-proġett tal-Pjazza u Triq Dun Karma Caruana biex ma jkunx hemm aktar dewmien li jitlesta l-kont finali tax-xogħol li sar. B'hekk inkunu nafu l-pożizzjoni finanzjarja eżatta tal-Kunsill u nkunu nistgħu nippjanaw proġetti oħra.

**2. Drenaġġ fil-Wied ta' Feliċi**

Is-Sur Joseph Farrugia irraporta li kontinwament qiegħed ikun nieżel id-drenaġġ fl-egħlieqi li hemm mal-Wied ta' Feliċi quddiem il-post fejn hemm il-Waste Separation Bins fi Triq il-Fanal. Dan ir-rapport għandu jitgħadda lid-Dipartiment tad-Drenaġġ ħalli jittieħdu l-passi neċessarji.

**3. Allokazzjoni Finanzjarja 2011**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-Allokazzjoni Finanzjarja għal din is-sena kienet se tammonta għal €155,431.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar 2011 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella<br>Sindku

Joe Camilleri<br>Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________